MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 339/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**KONTRA**

**ROMAN LJASNIKOV**
**ALLAN SCHMIDT**
**ALEKSEI IVANOV**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Roman Ljasnikov Estonian ta’ 30 sena, bin Valeri u Alla nee’ Bulgarina, mwieled nhar il- 15 ta’ Jannar 1981 Tillinn Estonia, residenti f’ J.V.M Flats, No. 3, Mosta Road, St.

Paul's Bay u detentur tal- passaport Estonian no VB 0007857;

U

Allan Schmidt Estonian ta' 32 sena, bin Carol u Erica nee' Lasbere, mwieled fit- 22 ta' Gunju 1978 Estonia, residenti f' J.V.M Flats, no. 3, Mosta Road, St. Paul's Bay u detentur tal- passaport Estonian no. K4116338;

U

Aleksei Ivanov ta' 31 sena, bin Victor u Lyudmilla nee' Buchadze, mwieled fid- 9 ta' Marzu 1979 Georgia, residenti f' J.V.M Flats, no. 3, Mosta Road, St. Paul's Bay u detentur tal- passaport Estonian no VB 0018222;

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) F' dawn il- Gzejjer fil- lejl ta' bejn il- 21 u t- 22 ta' Frar 2011 fil- Gzejjer Maltin f' San Pawl il- Bahar, f' xi hin bejn l- 16.00hrs u s- 02.00hrs bla ordni skont il- Ligi tal-awtorita' kompetenti, arrestaw, zammu jew issekwestraw lil Serafina Andreeva kontra l- volonta' taghha;

2) U aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi minghajr il- hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l- hajja ta' Serafina Andreeva f' periklu car, ikkagunawla griehi gravi per durata hekk kif giet iccertifikata minn Dr. Agnes Cachia MD Reg no 2863 tal- isptar Mater Dei;

3) Aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkommettew attentat vjolenti ghall- pudur fuq il- persuna ta' Serafina Andreeva;

4) Aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi uzaw vjolenza sabiex igeghlu lil Serafina Andreeva taghmel jew tonqos minn li taghmel xi haga;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali, li permezz taghha gew indikati l-Artikoli relattivi tal-ligi li tahthom kellhom l-imputati jghaddu in gudikat;

Rat illi l-istess imputati taw il-kunsens taghhom biex il-kaz taghhom jigi ttrattat sommarjament minn din il-Qorti;

Rat illi l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju ta' provi difiza f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;
**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Frar 2011, l-imputati kienu f'appartament fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, li kien mikri lil wiehed minnhom. F'xi hin fl-appartament dahlet tfajla ta' nazzjonalita' russa bl-isem Serafina Andreeva, u l-imputati zammewha kontra r-rieda taghha u wettqu attakk vjolenti fuq il-pudur taghha. M'huwiex maghruf jekk din Andreeva kienetx prostituta jew le, ghalkemm hemm provi indizzjarji li juru li ttiehdet hemm minn xufier malta b'taxi li baqa' jistenniha, u li kien l-istess xufier li ghamel ir-rapport fuq l-imputati u li baqa' anonimu. Madankollu, huwa evidenti li Andreeva rresistiet lill-aggressuri taghha, u fl-ebda hin ma dehret li riedet li jkollha x'taqsam maghhom. Dan kollu jirrisulta ppruvat u indikat car fil-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. Di fatti, jidher car li l-imputati

kienu qed jixorbu l-vodka sa minn kmieni wara nofsinhar tat-22 ta’ Frar, u wiehed minnhom cempel lil Andreeva biex tmur sal-appartament taghhom u hi accettat u marret. Fl-istqarrija taghhom huma jirreferu ghaliha bhala jisimha Karina.

Bl-ammissjoni tal-imputati, din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddilunga wisq fuq il-provi, ghalkemm l-istqarrijiet tal-imputati huma indikattivi ferm ta’ x’gara dakinhar fl-appartament. Andreeva giet offruta wkoll biex tixrob l-alkohol, u l-erbgha li huma kienu xi ftit jew wisq fis-sakra. Jidher li din kellha tkun serata interessanti ghat-tlitt imputati, izda harget ‘il barra mil-limiti tad-decenza u ta’ attivita’ konsenswali bejn adulti. Kif jinghad fl-ingliz, “things went out of hand”. L-izball gravi tal-imputati kien li huma zammew lil Andreeva kontra l-volonta’ taghha billi sakkru l-bieb fejn kienet hi, u li wzaw forza fizika fuqha u kkagunawlha griehi. L-istat ta’ sokor m’huwiex skuzanti ghalihom.

Ghalhekk, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li ssibhom hatja. Kwantu ghall-piena, bl-ammissjoni taghhom din tista’ tigi ridotta u tinghata fil-minimu taghha, tenut kont ukoll li l-imputati ilhom taht arrest preventiv mid-data ta’ meta tressqu b’arrest.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 86, 87(1) (c) u (g), 90, 214, 215, 216 (1) (b), (d), 207, 251, 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom terminu ta’ sena prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------